MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 819/2012

**Midsea Books Ltd (C 3169)**

**vs**

**Kunsill Lokali tal-Belt**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li s-Socjeta' Attrici qed **titlob** li l-Konvenut, il-Kunsill Lokali tal-Belt, jigi kundannat ihallasha il-*quantum* ta' elf u wiehed u disghin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€1,091.89c) skond il-fattura esibita (Dok Ms1) ghal kunsenja ta' kotba, liema fattura giet firmata minn impjegat tal-Kunsill (Dok MS2).

Ghal dan tressqet RISPOSTA li tghid li, preliminarjament hemm il-preskrizzjoni skond art 2148(b) tal-Kap 16 u li l-Kunsill mhux debitur kif allegat.

II PROVI

1. Is-Socjeta' Attrici esibiet Dok MB1 u MB2 li huma, rispettivament kopja originali ta' ittra datata 20.03.2013 mibghuta lis-Socjeta' Attrici minn Gabrielle

Agius, Seg Esekutiv, flimkien mal-*Advice of Receipt* tal-ittra datata 05/04/2013 mibghuta mis-Socjeta' Attrici b'risposta lill-Kunsill Lokali.

2. Id-Dok MB1 (a fol 14) jghid hekk:-

   *According to our records as at 31 December 2012, the amount due by the Council to the Company was €1,091.89c. If you do not agree with this balance, kindly use the enclosed envelope and send an account history to our auditors.*

   Hawn tnizzel li l-awdituri huma 3a Accountants.

3. Id-Dok MB2 hu konsimili ghal dak esebit mal-AVVIZ u dan kien indirizzat lil Dr. Paul Borg Olivier, dak iz-zmien Sindku tal-Belt Valletta.

4. <u>Gabriella Agius</u> qalet li hi ghandha r-rapprezentanza tal-Kunsill Lokali tal-Belt. Qablet li huma ghaddew il-kwistjoni lill-Awdituri kif hi l-prassi. Iccarat li l-ittri jkunu nhadmu mill-awdituri fuq *letterhead* tal-Kunsill li jinghatawlu biex jiffirmahom u jibghathom.

5. <u>Dr. Paul Borg Olivier,</u> xehed skjettament hekk:-

   *Fiz-zmien tal-kawza in dizamina jiena kont Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta. Qed nara d-dokument a fol 2 tal-process u nghid li dan kienet ordni li saret mill-Kunsill Lokali ta' numru ta' kotba u seta ssir permezz ta' direct order stante li kienet taht il-hames mitt lira Maltin. Qed nara li dawn il-kotba gew ikkunsinjati ukoll peress li qed nara l-firma ta' Joe Cachia llum mejjet li kien impjegat tal-Kunsill Lokali dak iz-zmien. Naf ukoll li rajt il-kotba u qassamna minnhom jigifieri naf zgur li waslu l-Kunsill Lokali. Jiena ma nafx di xjenza proprja jekk dawn il-pagament sarux jew le ghax jiena spiccajt mill-kariga fit-2008, July jew August 2008. Kont irrizenjajt.*

6. <u>Simon Cachia</u>, li kien Seg Esekutiv fl-2007 ikkonferma d-Dok MS2, ra b'ghajnejh li l-kotba kienu gew u sa ma halla l-Kunsill fis-sena 2011 il-kotba ma kienux imhallsa.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Jirrizultaw bla l-icken dubbju sew l-ordni kif ukoll il-konsenja tal-kotba. Simon Cachia, li kien Seg Esek sal-2011 (u allura anke jirraprezenta lill-istess Kunsill) <u>ammetta</u> li l-hlas ma kienx sar. Ghalhekk dan imur 'l hinn milli mar Dr. P. Borg Olivier li spicca minn Sindku f'Lulju/Awwissu 2008 u jekk il-pagamenti kienux saru jew le ma jafx.

2. Hawn ghandna lil wiehed li jghid li sal-2011 il-hlas ma sarx u l-iehor li ma jafx. Quddiem dawn l-istqarrijiet hemm il-fatt li l-kawza prezenti giet intavolata fis-7 ta’ Dicembru 2012.

3. L-ittra Dok MB1, b’responsabilta’ tal-Kunsill Lokali Konvenut, hi datata 20 ta’ Marzu 2013 u din tghid li f’Dicembru 2013 l-ammont dovut “according to our records” hu ta’ €1091.89 – ezatt kif mitlub fl-AVVIZ.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (a) **jichad** l-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali tal-Belt (2) **jilqa** t-Talba tas-Socjeta’ Attrici u (3) **jikkundanna** lil dan il-Kunsill biex ihallas lis-Socjeta’ Attrici il-*quantum* ta’ elf u wiehed u disghin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€1,091.89c) bl-imghax kif mitlub u (4) **jikkundannah** ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------